## QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tas-16 ta' Novembru 2001**

**Citazzjoni numru 1589/96GC**

**Philip Scicluna**

**vs**

**Maria mart Francis Zammit u l-istess Francis Zammit ghal kull interess illi jista' jkollu**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-konventua Maria Zammit hija debitrici ta' l-attur fis-somma ta' Lm2,504.25 (elfejn hames mija u erbgha liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) bilanc minn somma akbar li jirraprezenta prezz ta' bejgh ta' diversi partiti ta' frott u haxix lill-istess konvenuta;

Illi l-istess giet divesi drabi interpellata sabiex thallas l-ammont minnha dovut izda cio' nonostante hija baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

1. tikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm2504.25 (elfejn hames mija u erbgha liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) bilanc minn somma akbar li jirraprezenta prezz ta' bejgh ta' diversi partiti ta' frott u haxix mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuta Maria Zammit;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittri tat-13 t'Ottubru u t-12 ta' Dicembru, 1995, bit-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjenti ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur, u ghalhekk it-talba tieghu ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l,-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2001;

Ikkonsidrat:

L-attur qed jippretendi li l-konvenuti huma debituri tieghu fis-somma ta' elfejn hames mija u erbgha liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2,504.25) bilanc ta' somma akbar prezz ta' bejgh ta' diversi partiti ta' frott u haxix mghamul lill-konvenuta. Il-konvenuti qed jikkontestaw dawn il-pretensjonijiet li ghalihom huma infondati;

Jirrizulta li l-attur kien ghamel periodu jbiegh il-frott u l-haxix lill-konvenuta li da parti taghha ggestixxi hanut f'Tas-Sliema adibit ghal bejgh ta dawn il-prodotti. Hu l-attur li qed jippromuovi din il-kawza u ghalhekk hu l-attur li ghandu jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-kreditu pretiz hu effettivament dovut mill-konvenuti. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-attur naqas li jipproduci provi dokumentarji certi bhal delivery notes (debitament iffirmati) jew ricevuti in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu. L-attur pproducja xi dokumenti pero dawn ma jghatux dik l-affidabilita' li hi necessarja sabiex jista jinghad li l-pretensjonijiet tal-attur huma pruvati. Huwa minnu li l-attur jghid li n-negozju tal-bejgh tal-frott isir kollu bil-kelma u jsir fuq il-fiducja. Dan pero ma giex sufficjentement pruvat u inoltre dak li xehed l-attur lanqas ma hu affidabbli b'tali mod li jista jinghad li l-istess pretensjonijiet huma ppruvati;

Minn naha taghha l-konvenuta kkonfermat li hi dejjem hallset ghall-frott li kien ihalli l-attur. Hu minnu li jirrizulta li fil-mori tal-kawza l-konvenuti hallsu lill-attur is-somma ta hames mitt liri maltin (Lm500). Il-konvenuta tghid, pero', li dawn hallsithom ghar-rigward ta' ammonti ohra li kienu dovuti lill-attur u mhux ghar-rigward tal-ammonti pretizi f'din il-kawza mill-attur. F'dan ir-rigward l-attur stess jammetti li kien hemm ammonti ohrajn li kienu dovuti u li gew imhallsa mill-konvenuti;

Inoltre jirrizulta li l-attur f'Ottubru tal-1995 (vide fol.67) l-attur kien qed jippretendi li l-konvenuti kellhom jghatu ammont ferm inqas minn dak li qed jippretendi l-istess attur f'dawn il-proceduri. Dan jindika li l-istess attur mhux daqstant zgur dwar dak li qed jippretendi;

In vista ta' dan kollu t-talbiet kollha tal-attur ghandhom jigi rigettati stante li ma jirrizultawx sufficjentement pruvati;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-attur;

Spejjez kontra l-attur.